MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 527/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Fredric Eric Debattista u Fredrick Eric Debattista f'isimu proprju**

**Vs**

**Joseph Micallef**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm539.78 (hames mija disa` u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) bhala danni kawzati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma komplessiva ta' Lm539.78 (hames mija u disgha u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu)

jew somma verjuri, danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura JBA 931 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta’ Fredric Eric Debattista u dan b’rizultat ta’ habta li grat fis-7 ta’ Lulju 2003, gol-Gzira, waqt li int kont qed issuq il-vettura LAG 024 hbatt mal-vettura JBA 931 proprjeta` ta’ Fredrick Eric Debattista u misjuqa minnu u ghal liema incident int kont unikament responsabbli. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-6 ta’ Ottubru 2003 u tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar 2004, u bl-imghax tat-8% fuq Lm539.78 mis-6 ta’ Ottubru 2003, sal-hlas effttiv u tal-ittra ufficjali tal-lum rikjesta mill-ligi kontra Middle Sea Insurance Co. Ltd., assiguraturi tal-konvenut u inkluz Lm15 konsult, kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma jahtix ghall-incident de quo, liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta’ l-attur Frederic Eric Debattista.
2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi jehtigilhom jipprovaw id-danni allegatament sofferti minnhom stante li l-istess huma kontestati;
3. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess l-imghax legali reklamat mill-atturi ma setax jibda jiddekorri mid-data ta’ semplici ittra legali hekk kif indikat fl-Avviz promotur ta’ dawn il-proceduri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-habta in kwistjoni tirrisolvi ruhha dwar l-agir f'manuvra ta' parkegg, x'ghandhu ikun l-agir tax-xufier l-iehor li jkollu jieqaf u jistenna.

Illi l-konvenut kien fuq quddiem u allura kien ben vist mill-attur. Il-konvenut kien qed jipparkja – kellu van. Kien ghadu ma kkompletax il-manuvra totali tal-ipparkjar. F'dan il-mument x' kellu jaghmel l-attur ? Huwa anzi jallega li kien l-istess konvenut li indikalu sabiex jghaddi.

Illi t-Tribunal isibha ferm difficili sabiex jaccetta l-inverosimilita tal-verzjoni attrici. Ma jistax persuna jinforma lil ta' warajh sabiex ighaddi jew jaqbzu, imbaghad fl-istess mument jaqla u jidhol fih hekk kif ghaddej minn hdejh.

Illi din il-verzjoni hija kontestata u mill-konvenut . Anzi kif jirrizulta mill-versjonijiet minnhom mghotija a tempo vergine lil-pulizija investigattiva. Ghandha tinghata affidament lil-versjoni tieghu. L-attur ma ndikax li l-konvenut waqaflu biex jghaddi. Anzi kienet inizzjattiva personali tieghu ghax skond hu kien hemm spazju biex jghaddi. Fl-ebda mument anki, skond l-istess konvenut, ma tah x' jifhem li seta' jghaddi.

Mhux talli l-atturi ma ppruvawx li kien tort il-konvenut billi dal resto kien l-oneru taghhom- izda jirrizulta li l-istess attur kien responsabbli ghas-sinistru in dezamina.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------